# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 19 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 11**
**Rikors Guramentat Numru : 22/2019/LSO**

**Joseph Lia (I.D. 791247 M)**

**vs**

**Anthony Galdes (I.D. 460965 M) u martu Emanuela Galdes (I.D. 134871M)**

**Il-Qorti,**

## **<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors Guramentat ta' Joseph Lia detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 791247 (M) datat 10 ta’ Jannar 2019 fejn bil-gurament tieghu kkonferma:-

Illi r-Rikorrent kien ta b'kreditu s-somma ta' tlett elef u tmien mitt Lira Maltin (Lm3,800 jew l-ammont ekwivalenti ta' €8,851.62) kostitwiti b'debiru fl-Atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon LL.D tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) liema somma tirrapprezenta simili somma mislufa mir-Rikorrent lill-Konvenuti Intimati ***"brevi Manu" qabel*** il-gurnata tal-Att Nutarili tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007);

Illi skont dak il-ftehim hekk milhuq bejn kemm ir-Rikorrent kif ukoll il-Konvenuti Intimati, dina l-istess somma kienet restitwibbli permezz ta' pagament mensili fuq perjodu ta' hames snin bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ***a scaletta*** (Ara il-kopja tan-Nota ghall-Iskrizzjoni ta' l-Ipoteka bin-numru Progressiv 6477 skont l-Atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon LL.D tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) u li hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok Lia 2);

Illi sal-gurnata tal-lum, il-Konvenuti Intimati kienu hallsu lir-Rikorrent s-somma ta' elf mitejn u sebgha u hamsin ewro u tmien centezmi tal-ewro (€1,257.08) akkont ta' l-ammont dovut u li ghalhekk il-Konvenuti Intimati huma debituri tar-Rikorrent fis-somma ta' tmient elef tmien mija u wiehed u hamsin ewro (€8,851.00) bhala **sorti biss** (Ara il-kopja ta' lis-"***'Statement of Account"*** datat l-ghaxra (10) ta'

Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u li hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok Lia 1);

Illi sa l-10 ta' Dicembru 2018, il-Konvenuti Intimati kienu akkumulaw b'kollox bhala **imghaxijiet biss** l-ammont ta' sitt elef hames mija u tmien ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro (€6,508.96) (Ara il-kopja ta' lis-"***'Statement of Account"*** datat l-ghaxra (10) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u li hija hawn annessa u immarkata bhala Dok Lia 1);

Illi sal-10 ta' Dicembru 2018, il-Konvenuti Intimati kienu u ghadhom qeghdin jakkumulaw ukoll **diversi spejjez addizzjonaii u** ghalhekk sa issa l-ammont hekk reklamati huma riservati;

Illi ghalhekk l-imsemmi ammont ta' hmistax-il elf tliet mija disgha u hamsin ewro u disgha w sittin centezmu tal-ewro (€15,359.96) barra l-ispejjez li l-ammont hekk reklamati huma sa issa riservati huma dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mill-Konvenuti Intimati lir-Rikorrent u li ghalhekk fil-fehma tar-Rikorrent jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;

Illi fil-fehma ta' l-istess Rikorrent, il-Konvenuti Intimati ma ghandhom l-ebda eccessjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont li sal-10 ta' Dicembru 2018 kien lahaq l-ammont ta' €15,359.96 barra l-imghaxijiet

addizzjonali mill-10 ta' Dicembru 2018 sal-gurnata tal-hlas effetiv u l-ispejjez li l-ammont taghhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ***a tenur*** tal-Artikoli 167 sa 170 *stante* li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u li l-Konvenuti Intimati ma ghandhom l-ebda eccessjoni x'jaghtu kontra t-talba ghall-hlas tal-istess dejn flimkien ma l-imghaxijiet addizzjonaii mill-10 ta' Dicembru 2018 sal-gurnata tal-hlas effetiv u l-ispejjez li l-ammont taghhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

Illi ghalkemm il-Konvenuti Intimati gew interpellati ripetutament sabiex jhallsu l-imsemmija ammonti, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux;

Illi dawn il-fatti huma maghrufa mir-Rikorrent personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-Rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, dispensat is-smigh tal-kawza *a tenur* ta' l-Artikolu 167 *et seq*:

1 Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh skont l-Artikolu 167;

2. Tiddikjara lill-Konvenuti Intimati debituri favur ir-Rikorrent fis-somma tal-imsemmi ammont li sal-10 ta'

Dicembru 2018 kien lahaq l-ammont ta' hmistax-il elf tliet mija disgha u hamsin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro (€15,359.96) barra l-imghaxijiet addizzjonali mill-10 ta' Dicembru 2018 sal-gurnata tal-hlas effetiv u l-ispejjez li l-ammont taghhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

3. Tikkundanna lill-Konvenuti Intimati jhallsu lir-Rikorrent is-somma ta' hmistax-il elf tliet mija disgha u hamsin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro (€15,359.96) barra l-imghaxijiet addizzjonali mill-10 ta' Dicembru 2018 sal-gurnata tal-hlas effetiv u l-ispejjez kollha li l-ammont taghhom huma hekk reklamati u li huma sa issa riservati;

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-Rikorrent, bl-imghax legali, u bl-ispejjez hekk reklamati u li huma sa issa riservati, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 2057/2018 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teccedi l-Lm4,000 jew l-ammont ekwivalenti ta' €11,646.86) bin-Numru 2058/2018 kontra l-Konvenuti Intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni;

Bl-ispejjez anke tal-prezenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-19 ta’ Frar 2019 fid-9:30 am, b’ ordni lill-intimati biex jidhru f’ dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 19 ta' Frar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dehru l-konvenuti.

Dr Anthony Cutajar prezentata nota ta' ammissjoni.

Gie verbalizzat " Il-partijiet qed jaqblu illi l-ammont dovut kif mitlub fir-rikors guramentat ser jithallas f' rati mensili ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fit-28 ta' kull xahar, bl-ewwel pagament isir fit-28 ta' Marzu 2019.

Il-partijiet qed jaqblu ukoll illi s-sentenza li ghandha tinghata mill-Qorti ma ssirx esegwibbli diment li l-pagamenti jkunu qed isiru kif hemm miftiehem, u oltre jitolbu illi dan il-ftehim jigi inkorporat fis-sentenza.

Id-difensuri qablu li l-intimati hallsu mitejn u hamsin ewro (€250) akkont mill-ammont pretiz, l-ewwel jitnaqqas mill-imghaxijiet u dan ghandu jigi rifless fis-sentenza."

Il-partijiet iffirmaw il-verbal quddiem il-Qorti stess.

**Inghatat sentenza.**

Il-Qorti rat it-talbiet attrici;

Rat l-atti esebiti;

Rat l-ammissjoni tal-intimati;

Rat il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti;

**Ghalhekk** tilqa' t-talba ghall-inkorporazzjoni tal-ftehim milhuq f'din is-sentenza sabiex taghmel parti integrali mill-istess.

## II. DECIDE

Ghaldaqstant wara li rat l-Art. 167 *et sequens* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u *stante* l-ammissjoni tal-konvenuti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti, u ghal fini tat-tielet talba tordna li l-pagamenti tad-debitu likwidat f'din is-sentenza fl-ammont ta'hmistax il-elf tliet mija disa' u hamsin ewro u sitta u disghin centezmu (€15,359.96) flimkien mal-imghaxijiet addizzjonali mill-10 ta' Dicembru 2018 sal-hlas effettiv, jithallas ratealment skont il-ftehim milhuq bi tnaqqis tal-pagament ta' €250 imhallas mid-debitur fil-mori ta' dawn il-proceduri .

Tordna li l-istipulazzjonijet tal-ftehim jifformaw parti integrali mid-decide f' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**19 ta' Frar 2019**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Frar 2019**